## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor Imhallef. Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Numru 84/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**Jesmond Garrett**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Jesmond Garrett detentur tal-karta tal-identita` 603464(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-14 ta' Diċembru, 2016 għal ħabta ta' 12:20hrs ġewwa l-Fgura ħebb għal persuna ta' Maria Concetta Buhagiar u kkawża offiza ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat mit-Tabib Angel Galdes Reg 3823 mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Art 221 (1) tal-Kap 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-16 ta' Ġunju, 2020 fl-

ismijiet 'Il-Pulizija vs Jesmond Garrett' li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur minn dakinhar skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jesmond Garrett intavolat fis-26 Ġunju 2020 li bih talab li din il-Qorti **tħassar, tirrevoka u tannulla** d-digrieti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija Spettur Paul Camilleri vs Jesmond Garrett' ta' nhar id-19 ta' Novembru 2019 fejn ġew miċħuda t-talbiet tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija fl-istess talbiet u tipproċedi sabiex tisma' tali xhieda jew tirrimanda l-atti sabiex tali smigħ isir quddiem l-Ewwel Qorti; u **tħassar, tirrevoka u tannulla** s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Jesmond Garrett nhar is-16 ta' Ġunju 2020 u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tillibera lill-esponent mill-akkuża miġjuba kontra tiegħu u ssibu mhux ħati.

Rat l-atti kollha;

Rat il-fedina penali tal-appellant aġġornata kif ordnata mill-Qorti.

Semgħet lil-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jilmenta minn nuqqas ta' smiegh xieraq u dan ghall-tlett ragunijiet: li ma inghatax l-opportunita' iressaq il-provi tieghu; li ordnat lid-difiza tressaq il-provi kollha f'seduta intiza ghall-provi tal-prosekuzzjoni; u li ma inghatax differiment sabiex iressaq xhud okulari;

2. Illi fl-ewwel lok il-lanjanza tal-appellant kien jehtiegilha tkun mressqa quddiem Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali u mhux din il-Qorti li ma ghandhiex tali kompetenza. Minkejja dan, mhix l-ewwel darba li din il-Qorti ghaddiet biex tannulla sentenzi minhabba diffett *ictu oculi* ta' nuqqas ta' smiegh xieraq bhal per ezempju meta persuna tkun ssubiet process kirminali minghajr l-assistenza ta' avukat. Fil-kaz hawn skrutinat, izda, l-gravam tal-appellant hu bazat fuq premessi, ossia rakkont tal-fatti, ghall-ahhar skorrett;

3. Dan il-process kien inizjalment inbeda quddiem Magistrat li fil-mori kien elevat ghall-bank tal-Imhallfin. Fl-unika udjenza quddiem dak il-Magistrat, instemghet il-parte civile Maria Koncetta Buhagiar liema deposizzjoni ma kienitx registrata. Il-prosekuzzjoni u l-parte civile talbu differiment sabiex jirregolaw ruhhom u mhux minnu li l-imputat talab li jingieb provi dwar is-soggorn tal-parte civile fl-isptar tant li l-verbal tal-udjenza jaqra hekk:

> *Semghet il-Prosekuzzjoni u l-parte civile jitolbu differiment biex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom. / Id-Difiza infurmat lill-Qorti li l-parte civile sottomessa ghall-ezamijiet estensivi fl-isptar Mater Dei u taghhom hemm rapport mediku dettaljat pero ma jirrizultawx fl-atti ta' din il-kawza. / Il-Qorti tilqa' t-talba. / Kawza differita ghad-19 ta; Frar sabiex il-Prosekuzzjoni u l-parte civile jirregolaw ruhhom*;

4. Illi fl-udjenza sussegwenti (dik tad-19 ta' Novembru 2019 peress illi dik tad-19 ta' Frar kienet differita), l-Qorti semghet

lill-parte civile mill-gdid u dan hu komprensibbli u korrett ghall-ahhar la darba d-deposizzjoni taghha mhux biss ma kienitx registrata izda bhala xhud principali qatt ma xehedet quddiem il-gudikant li kellha tiddeciedi l-kawza. Ukoll, mill-verbal riprodott ma jirrizultax li l-ewwel Qorti kienet ordnat li jingiebu quddiemha tobba biex jixhdu dwar it-trattament mediku li rceviet l-parte civile. Il-Qorti ma tistax tifhem kif ghandha ssib ruhha tissenjala dawn l-inezattezzi grossolani allegati mill-appellant meta l-fatti huma 'l hinn hafna mill-mod kif minnu rakkontati. Lanqas ma jirrizulta li l-ewwel Qorti ordnat l-eghluq tal-provi la fil-konfront tal-prosekuzzjoni u lanqas fil-konfront tal-imputat tant illi kien l-istess imputat li ddikjara li ma kellux aktar provi u ma ressaq l-ebda protesta ghac-cahda ghall-differiment sabiex jixhed missieru;

5. Dwar din l-ahhar osservazzjoni, jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tad- 19 ta' Novembru, 2019 li l-imputat kien talab lill-Qorti iressaq bhal xhud lil missieru li ma setghax jattendi dakinhar peress li "ma jiflahx". Wara li semghet lill-imputat dwar din it-talba fejn spjega li missieru ma attendiex minhabba l-eta tieghu ta' 86 sena, deherilha li din ir-raguni ma tiggustifikax l-allegazzjoni li "ma jiflahx". Din il-Qorti, issa, tqis din id-decizzjoni bhala wahda korretta ghaliex l-imputat ta x'jiftiehem li x-xhud kien medikament indispost meta fil-fatt ma kienx hekk, la kien hemm ingunzjoni u lanqas riferta pozittiva u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex dik id-decizzjoni kellha titqies b'xi mod kapriccuza;

6. Illi ukoll mhux minnu li l-ewwel Qorti semghet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni fuq medda ta' seduti ghaliex dan il-process instema' f'total ta' seduta wahda wara s-sostituzzjoni tal-

Magistrat li kien elevat kif fuq spjegat u minn hemm thalla ghas-sentenza. F'dik l-udjenza kien esebit affidavit tat-tabib li ezamina lill-parte civile, xehedet il-parte civile u zewggha u l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha kif kien id-dritt taghha li taghmel u xehed ukoll l-imputat. Ghalhekk imkien ma jirrizulta li l-Qorti ordnat l-eghluq tal-provi fuq naha jew fuq ohra;

7. Illi ma jistax ma jkunx osservat illi l-appellant annetta dokumenti fir-rikors tal-appell tieghu meta dan mhux konsentit fil-procedura kif ravvizata fl-artikolu 419 u 424 tal-Kodici Kriminali. Anke hawn, il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex l-appellant irrikorra ghall-dan l-agir bil-ghan ovvju li jissoda l-argumenti tieghu bazati fuq fatti li ma sehhewx kif minnu rakkontati. Dan ma ghandux jincidi fuq id-decizzjoni ta' din il-Qorti li bl-applikazzjoni tal-ligi procedurali tghazel li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali dokumenti u qed ikun hekk dikjarat sabiex l-appellant ikollu r-raguni ghaliex qed isir hekk;

8. Illi l-ewwel aggravju huwa nfondat u bazat fuq fatti li ma sehhewx kif allegati mill-imputat u konsegwentement qed ikun michud;

9. Illi it-tieni u tielet gravami jistghu jitqiesu li ghandhom mill-istess ilment dwar l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti fejn l-appellant jikritika s-sejbien ta' htija f'cirkostanzi li, skond hu, jammontaw ghal-verzjonijiet differenti u konflingenti da parti tal-parte civile kull darba li xehedet. L-appellant ma jistghax jifhem kif l-ewwel Qorti ghazlet li temmen lill-parte civile f'din il-kawza fuq il-premessa li l-verzjoni taghha kienet

aktar verosimili filwaqt li fil-kawza li instemghet kontestwalment kontra l-istess parte civile bhala imputata l-istess Qorti ddikjarat il-verzjoni tal-imputat, l-appellant odjern, bhala aktar verosimili. L-appellant qed jittanta jikkonfondi l-fatti izda l-agir tieghu hu destinat li jfalli. Huwa minnu li instemghu zewg kawzi kontestwalment: wahda kontra l-imputat fl-appell odjern u ohra kontra l-l-parte civile u zewgha <u>**izda**</u> iz-zewg merti huma kompletament differenti fejn dik kontra l-parte civile si tratta ta' imputazzjoni dwar raggion fattasi;

10. Illi minn ezami akkurat tal-atti processwali, jirrizulta illi l-ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, ghazlet li temmen il-verzjoni tal-parte civile u mhux dik tal-imputat. L-istess imputat, izda, iqis bhala kontroversjali din id-decizzjoni ghaliex fl-istess jum l-istess Qorti ghazlet li temmen il-verzjoni tal-imputat f'kawza kontra l-parte civile. Dan l-aggravju, bhal dak ta' qablu, jirrazzenta l-fierah ghaliex il-fatt li l-ewwel Qorti ma emmnitx lill-parte civile f'kawza wahda ma jfissirx li bilfors kellha temminha f'kawza ohra u fl-invers li ma temminx lill-imputat fiz-zewg kawzi. Min jiggudika jista' jemmen jew ma jemminx lil xhud f'wahda jew aktar minn dak minnu jew minnha depost izda ma jfissirx li ghaliex persuna ma titwemminx f'haga wahda allura ma titwemminx f'ohrajn. L-ewwel Qorti ghazlet li temmen lill-parte civile fil-kawza kontra l-imputat, dik hawn skrutinata, fi kwistjoni ta' offizi fuq il-persuna taghha izda li temmen lill-imputat fil-kawza kontra taghha fi kwistjoni ta' *raggion fattasi* meta introduciet ruhha fid-dar fejn kellu allegat pussess l-istess imputat;

11. Issa, huwa minnu li Qorti tista' temmen xhud u mhux iehor u il-funzjoni ta' din il-Qorti mhux li tiddeciedi x'kienet taghmel hi minflok l-ewwel-Qorti qabilha izda li tezamina jekk mill-fatti kif esposti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Dan jehtieg ezercizzju konsistenti f'analizi mill-gdid tal-provi u wara ezami akkurat tal-provi din il-Qorti hi tal-fehma assodata li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. L-allegazzjoni tal-imputat li l-parte civile tat diversi verzjonijiet konflingenti ma tirrizultax. Huwa minnu li hemm xi diskrepanzi fix-xiehda taghha izda dawn ma huma ta' ebda konsegwenza u huwa komprensibbli tenut kont tal-eta' tax-xhud u tal-fatt li kollox sehh f'affari ta' sekondi u taht cirkostanzi trawmatici kif ahjar deskritt fl-atti;

12. Illi ghalhekk it-tieni u t-tielet aggravji qed ikunu michuda. Ir-raba' aggravju huwa stedina lill-Qorti sabiex tisma' dawn il-provi li l-ewwel Qorti cahdet u ghalhekk ma jistax jitqies bhala aggravju u ma jirrikjedi ebda decizzjoni stante li l-ewwel tlett gravami kienu michuda. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud fl-intier tieghu.